**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA B'URĠENZA**

**Numru KLR44/VIII/2023**

**Il-Ġimgħa, 19 ta' Mejju 2023.**

Saret laqgħa tal-Kunsill Lokali b'urġenza fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Mejju 2023, fl-15:45.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili– Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli - Kunsillier

Uffiċjal Preżenti
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**44.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fl-15:45. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 44.2 Proġett ta' blokka ġdida li ser issir fil-*Housing Estate* f'taċ-Ċawla mill-Ministeru għal Għawdex

44.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja ta' pettizzjoni li l-Kunsill irċieva permezz ta' emejl mingħand il-Membru Parlamentari, Alex Borg. Din kienet ukoll ġiet iċċirkulata permezz ta' emejl lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

44.2.2 Is-Sindku qal li ġie ikkuntatjat minn diversi residenti mill-*housing estate* taċ-Ċawla fejn staqsewh fir-rigward tal-blokka *flats* li ser tinbena minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Jaf li mhux kompitu tal-Kunsill peress li l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar saret minn naħa tal-Minsiteru għal Għawdex biex isir il-bini fuq art pubblika. Is-Sindku tenna li l-Kunsill iżżeffen fin-nofs peress li qatt ma ddiskuta din il-materja u għalhekk, peress li l-aħħar laqgħa m'ilhiex li saret, sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza. Ħass li qabel jitkellem fuq il-proġett, għandu jitkellem mal-Kunsill sabiex il-membri jesprimu l-veduti tagħhom waqt laqgħa. Is-Sindku qal li l-aktar li jikkonċerna lir-residenti hu li l-binja ser tinbena fil-*playarea* eżistenti, ser ikun hemm inqas parkeġġ peress li r-residenti ser jiżdiedu u ser jonqos l-ispazju pubbliku. Is-Sindku qal li ma xtaqx li l-membri tal-Kunsill joħroġu jitħadtu fuq xi ħaġa li qatt ma tkun ġeit diskussa waqt laqgħa.

44.2.3 Il-membru Buttigieg talab diversi drabi għal xhiex issejħet din il-laqgħa u jekk xi ħadd mill-kunsillieri jafx xi ħaġa fuq il-proġett. Billi ħadd ma rrisponda qal li l-Kunsill ma jistax jieħu deċiżjoni fuq il-pożizzjoni tiegħu illum. Issuġġerixxa li billi ser issir laqgħa mal-Ministru l-ġimgħa d-dieħla, il-Kunsill għandu jistenna din il-laqgħa sabiex jifhem aħjar f'hiex jikkonsisti dan il-proġett u mbagħad ikun jista jieħu pożizzjoni. Tenna li jekk ikun hemm il-bżonn, terġa tissejjaħ laqgħa oħra b'urġenza sabiex l-Kunsill jieħu pożizzjoni. Qal li dan il-proġett ġie politiċiżżat u mhux xieraq li xi ħadd idaħħal lill-Kunsill f'din il-kwistjoni. Buttigieg tenna li l-Kunsill kien qabel sabiex jitneħħa l-*playingfield equipment* u l-*outdoor gym equipment* li kien hemm fejn ser isir dan il-proġett u llum il-Kunsill m'għandux x'jiddiskuti.

44.2.4 Is-Sindku qal li l-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex intalbet wara li tressaq dan is-suġġeriment mill-Kunsillier Debrincat. Debrincat kien issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiġu nfurmat fuq il-proġett tal-parkeġġ propost mill-Minsiteru għal Għawdex u li qed jissemma fuq il-media. Il-Kunsill talab lill-Ministru għal Għawdex biex issir laqgħa u ngħatat id-data tal-Ħamis, 25 ta' Mejju 2023 fis-14:00. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa jista' wkoll jiġi diskuss mal-Minstru, il-proġett propost fil-*housing estate* f'taċ-Ċawla.

44.2.5 Il-membru Hili qal li l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet il-permess għall-proġett ħolisitku fil-*housing estate* taċ-Ċawla u ħadd ma oġġezzjona jew appella. Tenna li jaqbel li l-Kunsill għandu jressaq din il-materja waqt il-laqgħa li ser ikollu mal-Ministru għal Għawdex il-ġimgħa d-dieħla u wara jieħu pożizzjoni.

44.2.6 Il-membru Debrincat qal li hu wkoll jaqbel li l-Kunsill għandu jħalli l-laqgħa ppjanata mal-Ministru għal Għawdex u mbagħad jieħu deċiżżjoni. Tenna li meta kien issemma dan il-proġett f'taċ-Ċawla kien talab dettalji pero'qalulu li mhux ser isir iżda mbagħad sema' li tpoġġa l-*metre* tad-dawl.

Daħlet il-kunsillier Portelli fil-laqgħa.

44.2.7 Is-Sindku qal li hu minnu li ma sarux oġġezzjonijiet waqt il-fażi tal-applikazzjoni w żied ukoll li l-Kunsill lanqas ġie ikkonsultat. Dan il-proġett ilu approvat erba' snin.

44.2.8 Il-Viċi Sindku qal li jaqbel li s-Sindku ħass li kellu jsejjaħ din il-laqgħa anke' wara li ntbagħatet il-petizzjoni tar-residenti. Qal li jaqbel ukoll li l-Kunsill għandu jisma' l-veduti u jingħata spjega tal-proġett ħolistiku waqt il-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex. Iħoss li fil-mument din tkun l-aktar mossa għaqlija u tenna li ma nistgħux niċħdu li hemm l-ilmenti tar-residenti.

44.2.9 Il-membri qablu li qabel tittieħed pożizzjoni, il-Kunsill għandu jiltaqa mal-Ministru għal Għawdex nhar il-Ħamis, 25 ta' Mejju 2023 fis-14:00.

Il-laqgħa ntemmet fil-4:45.

Konfermati, illum, it-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2023.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |